# IS-SEJBA TA' GĦADAM UMAN U MATERJAL PRE-ISTORIKU

## FIŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX FL-1986

Stephen Cini

**Introduzzjoni**

Bejn l-1980 u l-1988 fiż-Żebbuġ, Għawdex, kien qed isir xogħol estensiv fuq is-sistema tad-drenaġġ fil-parti t'isfel tar-raħal, magħrufa bħala "x-Xagħra l-Kbira". Fl-1986 waqt li kien għaddej xogħol ta' skavar tat-trinek fi Triq Għajn Mhelhel, instabet kwantita` t'għadam uman, kif ukoll varjeta` ta' biċċiet tal-fuħħar. Il-ħaddiema nvoluti mill-ewwel irrapportaw din is-sejba xejn mistennija lill-awtoritajiet konċernati, li min-naħa tagħhom ħadu ħsieb jirkupraw il-materjal sabiex jiġi konservat u eventwalment studjat. Wara diversi snin maħżun fid-dalma taż-żmien, dawn il-fdalijiet reġgħu raw id-dawl meta studenta Amerikana, Kirsten Lopez, kienet qed tagħmel *internship* ma' Heritage Malta, propju fil-gżira tagħna. Fost il-materjal li ġibed l-attenzjoni tal-istudenta kien hemm dawn il-fdalijiet misjuba fir-raħal taż-Żebbuġ. Wara studju u analiżi dettaljata,is-sinjorina Kirsten Lopez ħarġet rapport li jagħti informazzjoni ġdida u ferm interessanti fuq l-għadam u l-fuħħar misjub fi Triq Għajn Mhelhel, xi tletin sena ilu. L-iskop ewlieni ta' dan l-artiklu hu li naqsmu magħkom din l-informazzjoni u flimkien nippruvaw nifhmu u napprezzaw l-importanza u s-siwi ta' din is-sejba unika fir-raħal tagħna.

**Introduzzjoni tas-sistema tad-drenaġġ fir-raħal taż-Żebbuġ**

Is-sistema tad-drenaġġ ġiet introdotta fir-raħal taż-Żebbuġ lejn nofs is-snin sebgħin u ġiet konkluża lejn tmiem is-snin tmenin tas-seklu li għadda. Ix-xogħol beda min-naħa ta' fuq tar-raħal magħrufa fostna bħala l-"Ponta". Personalment niftakar bosta ħaddiema tal-Gvern – il-biċċa l-kbira ħaddiema tal-korpi tal-"Pijunieri" jew "Dirgħajn il-Maltin" – iħaffru trinek fit-toroq li jagħtu għall-iskola u l-madwar, bl-użu ta' xi *jackhammer* jew tnejn. Il-bqija kollox xogħol bl-idejn u b'ħafna tbatija u periklu għal saħħithom. Gajjiet ta' ħaddiema kienu jqattgħu trinek li f'xi nħawi kienu fondi aktar minn għoli ta' bniedem u mbagħad jimpalaw u jħammluhom mill-materjal bi bramel u ħbula. It-terrapien kien jintefa' fuq kull ġenb tal-gandott, fejn kienu jinħolqu mniezel għoljin qishom għamluhom in-nemel waqt li qed iħammlu xi bejta. F'xi nħawi, ix-xogħol kien donnu jeħel u jidher miexi bil-mod qisu verament b'pass ta' nemla. Ir-raġuni ta' dan ma kienx ikun xi nuqqas min-naħa tal-ħaddiema, iżda l-kaġun prinċipali kien il-kwalita` ta' blat qawwi li xi kultant kien ikun iebes qubbajt. Fejn imbagħad ix-xogħol kien jinzerta fir-rina jew fit-turbazz, ix-xogħol kien ikun ferm differenti. F'dawn il-każi l-ħidma kienet tkun aktar faċli u r-riżultati kienu jidhru ferm aktar malajr.

Fil-bidu tas-snin tmenin beda x-xogħol fuq il-parti t'isfel tar-raħal fejn ix-xogħol kellu jingħaqad flimkien f'tarf il-pjazza, fil-parti magħrufa bħala "Ta' Ċikku". Is-sistema kienet ippjanata li sa fejn hu possibbli taħdem bil-gravita` u tagħmel użu totali mid-dislivelli topografiċi tar-raħal. Biss il-parti t'isfel tar-raħal, speċjalment Triq Kaċċaturi u partijiet kbar minn Triq Skapuċċina u minn Triq Għajn Mhelhel kien impossibbli li jsir dan. Għalhekk l-inġiniera fasslu *"pumping station"* fl-aħħar parti ta' Triq Ghajn Mhelhel u għaqqduha ma' *"raising main"* li jitla' għal darb' oħra minn Triq Għajn Mhelhel lejn "Ta'Ċikku" fil-pjazza. Minn hemm is-sistema twassal sal-Għasri u mbagħad lejn Wied il-Mielaħ fil-limiti tal-Għarb.

Minħabba l-kwalita` ta' blat iebes li nstab matul dawn it-toroq, il-proġett tawwal aktar milli kien mistenni u ħoloq diversi inkonvenjenzi għall-abitanti u familji Żebbuġin. Għalhekk sabiex il-proġett jitlesta aktar malajr, u titnaqqas it-tbatija tal-ħaddiema, tqabbdu żewġ kuntratturi li pprovdew is-servizz ta' bosta makkinarju u ngenji, fosthom gafef u JCB's. Fost il-kuntratturi li ħadmu fuq dan il-proġett estensiv, insibu lil Janpet Ltd. tas-Sigarru u Attard Brothers Ltd. ta' Muħa.[1]

**Ix-xogħlijiet u s-sejba fi Triq Għajn Mhelhel**

Kien propju waqt li kien għaddej dan ix-xogħol fi Triq Għajn Mhelhel li saret sejba xejn mistennija t'għadam uman



*Dehra mill-ajru li turi kif kien jidher is-sit fl-1943*

flimkien ma' biċċiet tal-fuħħar. Il-ħaddiema nvoluti mill-ewwel ġibdu l-attenzjoni tas-superjuri tagħhom, li min-naħa tagħhom irrapportaw din is-sejba lid-Dipartiment tal-Mużewijiet. Id-Dipartiment ħa ħsieb jibgħat l-uffiċjal inkarigat, is-sur Toni Bajada, fejn dan, bl-għajnuna tal-ħaddiema preżenti, irkupra kwantita` t'għadam u materjal ieħor mit-trinka li kienet qed titħaffer u x-xogħol baqa' għaddej qisu qatt ma kien xejn. Kienu żminijiet oħra fejn forsi sejbiet bħal dawn ma kinux jingħataw tant importanza! Il-materjal miġbur sab ruħu merfugħ f'żewġ kaxxi fl-imħażen li d-Dipartiment tal-Mużewijiet kellu fi Triq Żenqa, fiċ-Ċittadella u aktar tard ġie trasferit għar-*reserve collection* tal-Mużew tal-Arkeoloġija t'Għawdex. (Ritratt num:1). L-unika informazzjoni li kellna marbuta ma' din is-sejba kienet *label* li tindika "Triq Għajn Melel, iż-Żebbuġ - 1980/86".

kienet waħda limitata jew kważi kważi ineżistenti, xtaqna nkunu nafu ferm aktar. Xtaqna nkunu aktar preċiżi kemm dwar is-sit, kif ukoll dwar id-data tas-sejba. Minn riċerka li għamilna fost diversi persuni li jgħixu fl-inħawi, kif ukoll oħrajn li ħadmu fuq dan il-proġett, jidher li s-sejba saret lejn nofs is-sena 1986, fil-parti fejn Triq Għajn Mhelhel tagħti għal fuq "Tal-Konti". (Ritratt numru 1) Hawnhekk jidher li x-xogħol kien qed isir bl-idejn, minħabba li l-blat ma kienx daqshekk iebes. Din l-informazzjoni ġiet ikkorraborata mis-sinjuri Toni Calleja u Michael Xiberras, żewġ ħaddiema li ħadmu fuq dan il-proġett.[2] Fil-fatt, is-sejba saret f'parti fejn hemm kwantita` tal-blat tar-rina, kif jikkonferma wkoll is-sur Toni Bajada meta ġie intervistat mill-kuratur preżenti tal-Mużew tal-Arkeoloġija, Ġorġ Azzopardi, f'Novembru 2011[3]. Is-sur Bajada spjega lil Ġorġ Azzopardi li s-sejba saret f'parti t'isfel ta' trinka mqatta' fit-torba. It-trinka kienet twila madwar 30 metru u fonda madwar 4 piedi (1.22 mtrs). Ħafna mill-għadam ġie rkuprat minn saff twil xi 10 metri u li l-għoli tiegħu kien jestendi bejn pied u 2 piedi minn qiegħ it-trinka. Il-biċċiet tal-fuħħar kienu wkoll mifruxa f'dan l-istess saff tat-trinka.

**Ir-riċerka tal-istudenta Amerikana**

Hu fatt magħruf li l-gżejjer Maltin, għalkemm żgħar fid-daqs huma kbar u sinjuri mmens f'dak li hu wirt storiku. Huma bosta s-siti li nsibu f'pajjiżna, li mhux biss huma protetti u kkunsidrati bħala wirt nazzjonali, iżda saħansitra huma rikonoxxuti bħala wirt dinji mill-UNESCO. Dawn is-siti u l-oġġetti oħra misjuba f'pajjiżna jattiraw ta' kull sena mijiet ta' eluf ta' viżitaturi li jiġu jammiraw dan il-wirt rikk u uniku tagħna. Għalkemm dan il-wirt hu tagħna u jagħmilna kburin bħala nazzjon, aħna obbligati li naqsmu dan il-ġid storiku ma' pajjiżi, organizzazzjonijiet u persuni anke barranin u nagħtu aċċess sħiħ lil kull min hu interessat f'dan il-qasam. Minħabba din ir-responsabilita` t'aċċessibilta` u qsim t'għerf, Heritage Malta – l-aġenzija nazzjonali mit-tmexxija u l-ħarsien tal-wirt tagħna - minn żmien għall-ieħor ikollha bosta talbiet biex studenti u akkademiċi barranin jiġu jistudjaw materjal u siti li nsibu f'pajjiżna. Talba f'dan is-sens saret mis-sinjorina Kirsten Lopez - studenta mill-Universita` ta' Oregon fl-Amerika - li waslet f'pajjiżna fl-2011. Is-sinjorina Lopez bdiet l-esperjenza ta' xogħol u taħriġ ma' Heritage Malta lejn tmiem is-sena 2011, fejn ġiet inkarigata biex tikkataloga xi materjal u taġġorna xi inventarji tal-kollezzjoni ta' riserva li tinsab fil-Mużew tal-Arkeoloġija t'Għawdex. Waqt il-ħidma tagħha fostna, Kirsten innotat żewġ kaxxi b'xi għadam, kif ukoll biċċiet tal-fuħħar li mill-ewwel ġibdu l-attenzjoni tagħha.



Mal-ewwel daqqa t'għajn kien evidenti li l-għadam hu ferm delikat u fraġli u l-mod ta' kif kien maħżun, ma kienx l-aktar ideali. Għal din ir-raġuni ttieħdet deċiżjoni li jiġi magħżul, katalogat, u finalment merfugħ f'kundizzjonijiet ferm aktar adattati. Illum l-għadam u l-materjal kollu hu merfugħ u protett f'madwar tnax-il kaxxa.

Matul dan il-proċess ta' ħidma, l-istudenta Amerikana ħadet l-opportunita` sabiex tistudja u tanalizza xi materjal fejn osservat diversi dettalji l-aktar fuq għadam partikulari. Hi mbagħad ikkonkludiet din l-esperjenza fostna billi kitbet rapport b'xi osservazzjonijiet u suġġerimenti intitolat ***"Cursory observations and report of remains: Utility work recovery Għajn Melel Street, Żebbuġ, Gozo, 1980/6"*** fejn fih tħeġġeġ u tirrakkomanda sabiex isir aktar studju paleo-patoloġiku fil-fond. Dan tal-aħħar hu tip ta' studju xjentifiku fuq għadam minn esperti mediċi li permezz tiegħu tista' tinkiseb informazzjoni dettaljata fuq l-istil ta' ħajja, il-kawża tal-mewt, il-mard u kundizzjonijiet oħra fiżiċi ta' persuni li jkunu għexu saħansitra eluf ta' snin ilu. Minn ċerti effetti permanenti li jibqgħu mmarkati fuq l-għadam, wieħed jista' permezz ta' analiżi patoloġika, jidentifika x'kienu r-raġunijiet varji

li wasslu għal dawn il-konsegwenzi. Per-eżempju wieħed jista' jikseb tagħrif fuq jekk kellhomx ikel adekwat u dieti bilanċjati jew inkella kinux jagħmlu xi xogħol iebes u ta' tbatija żejda.

**Interpretazzjoni Xjentifika**

Wara li saret is-separazzjoni u l-katalogar tal-ammont ta'diversi partijiet tal-għadam, is-sinjorina Lopez ippruvat tistabilixxi dak li hu xjentifikament magħruf bħala l-*"Minimum Number of Individuals"* (MNI). F'termini aktar sempliċi, mill-għadam misjub tipprova tistabbilixxi kemm-il individwu kien hemm rappreżentat. Fost l-għadam identifikat kien hemm kranji, partijiet mill-idejn u s-saqajn, kustilji, irkiekel tad-dahar, pelvi u partijiet varji tar-ras, bħal *maxxillae* u numru ta' ixdqa. Għalkemm l-għadam miġbur ma jifforma l-ebda skeletru komplut, mid-diversi partijiet identifikati tax-xedaq tal-lemin, is-sinjorina Lopez ikkonkludiet li kien hemm għadam ta' mill-inqas ħdax-il persuna. Ikkonkludiet ukoll li partijiet sħaħ minn dawn l-individwi jistgħu għadhom midfunin fis-sit madwar jew qrib it-trinka imħaffra xi tletin sena ilu.

Fost punti importanti oħra li jsemmi r-rapport hemm li waħda minn erba' kranji (skutelli tar-ras) hi delikata u rqiqa ferm aktar mill-oħrajn. Ir-rapport jissuġġerixxi li dan seta' kien riżultat ta' xi tip t'anemija fit-tul. Din hi kundizzjoni medika li normalment hi assoċjata ma' defiċjenzi nutrittivi (bħal nuqqas ta' ħadid jew kalċju), iżda tista' tiżviluppa wkoll minħabba raġunijiet oħra varji.[4] L-istess rapport jinnota ukoll każi ta' telf ta' snien u dras, kif ukoll ksur fl-għadam meta l-individwi konċernati kienu għadhom ħajjin. Ċertu għadam kien jidher mixrub (*resorbed condition*), li għal darb' oħra jista' jkun effett ta' nuqqas ta'dieti adekwati.

Ħaġa oħra interessanti li toħroġ minn dan ir-rapport hi li fuq xi għadam instabet evidenza tal-użu tal-okra ħamra, materjal li kien użat ukoll f'ritwali tad-dfin fi Żmien it-Tempji (4100 – 2500 Q.K.). Eżempji simili tal-użu tal-okra ħamra f'kuntest funerarju nsibuhom fiċ-Ċirku tal-Ġebel tax-Xagħra, fl-Għar ta' Ghejżu u f'qabar misjub qrib fi Triq ta' Ħamet fl-1926, kollha fix-Xagħra. Dan il-fatt jista' jgħin ħafna sabiex ikollna l-ewwel indikazzjoni preliminari ta' liema żmien hija din is–sejba.

**Materjal Kulturali**

Barra l-kwantita` ta' għadam li semmejna, fl-istess sejba tal-1986 instab materjal ieħor li jkompli jitfa' aktar dawl fuq min kienu u meta kienu jgħixu dawn in-nies fir-raħal taż-Żebbuġ. F'dan is-sit instabu biċċiet tal-fuħħar, dawk li jistgħu jkunu xi għodda tal-ġebel, kif ukoll imħara tal-baħar. Fost il-biċċiet l-aktar evidenti hemm mill-anqas bieqja waħda tal-fuħħar b'xi partijiet neqsin. (ritratti: 5 u 6). Professur David Trump, persuna ferm awtorevoli fil-preistorja ta' pajjiżna, jiddeskrivi u jiddata dan il-fuħħar bħala tal-Fażi Tarxien. Ħarsa ħafifa lejn Tabella numru 1 turina li din il-fażi teħodna lura bejn is-snin 3150 u 2500 Q.K.

Barra minn hekk, il-materjal kulturali misjub fi Triq Għajn Mhelhel hu simili għal oġġetti normalment marbuta ma' ritwali tad-dfin. Ta' min jinnota li bieqji simili nstabu wkoll fiċ-Ċirku tal-Ġebel tax-Xagħra, li hu wkoll post tad-dfin kollettiv u meqjus bħala ċ-ċimiterju għall-komunita` li kienet tgħix qrib il-Ġgantija. Forsi hawn ta' min jieqaf ftit u jistaqsi...Dan is-sit f'tarf ta' sies iħares lejn l-Lvant, kien xi post prominenti għal xi komunita` preistorika li kienet tgħix fir-raħal taż-Żebbuġ? Kien forsi parti żgħira minn xi ċimiterju ferm akbar għal din il-komunita` fejn kienu jidfnu lill-għeżież tagħhom? Fil-viċinanzi tas-sejba hawn min jiftakar megalita (i.e. ġebla mdaqqsa) kbira daqs karozza, flimkien ma' ġebel ieħor imdaqqas.[5] Setgħet din il-ġebla kbira kienet tifforma parti mill-"Ġgantija taż-Żebbuġ" li jsemmi Patri Manwel Magri fil-*Museums Annual Report* tal-1905?[6] Huwa diffiċli nsibu risposti għall-mistoqsijiet bħal dawn u oħrajn li jistgħu jaħbtu ma' moħħna. Li hu żgur hu li din is-sejba, għalkemm żgħira fid-daqs, hi ferm akbar fl-importanza tagħha milli kienet qatt tidher. Dan għax permezz tagħha nistgħu nifhmu aħjar in-nies li għexu millenji ta' snin qabilna.

Għalkemm hemm din id-differenza kbira fiż-żmien, biex nifhmu aħjar dawn in-nies, irridu nżommu f'moħħna li dawn kienu nies umani tad-demm u l-laħam bħalna, bl-istess bżonnijiet u emozzjonijiet bażiċi bħal tagħna. Bħalna kellhom il-bżonn li jieklu u jixorbu, jilbsu u jistkennu mill-elementi naturali, il-bżonn tal-imħabba u s-sigurta`. L-istess bħalna u bħal ħafna popli oħra li ġew qabilna staqsew l-istess mistoqsijiet fundamentali li jistaqsi kull esseru uman, irrispettivament mir-reliġjon jew mill-oriġini tiegħu. Kull bniedem jistaqsi l-mistoqsija tal-ħajja....minn fejn aħna ġejjin? Kull bniedem jistaqsi l-mistoqsija tal-mewt....fejn aħna sejrin? X'hemm wara l-mewt? Kull bniedem jistaqsi ukoll il-mistoqsija tas-sopranatural... min Hu 'l fuq min-natura? Min Hu l-Ħallieq? Aħna llum nippruvaw inwieġbu dawn il-mistoqsijiet permezz tar-reliġjon u l-fidi li nħaddnu. Hekk ukoll għamlu diversi popli matul il-mixja taż-żminijiet. Kulħadd ipprova jwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet bil-mod tiegħu. Ħafna reliġjonijiet jemmnu f'ħajja



oħra lil hinn mill-mewt. Forsi minħabba din ir-raġuni li l-komunitajiet preistoriċi kienu jidfnu bieqji u oġġetti oħra mal-mejtin tagħhom. Jekk inżommu dan f'moħħna tkun aktar faċli għalina li npoġġu s-sejbiet fil-kuntest propju tagħhom u napprezzaw aħjar ir-ritwali funerarji ta' dawn in-nies umani bħalna li għexu fi żmien il-qedem.

**Konklużjoni**

Għalkemm is-sejba ta' Triq Għajn Mhelhel saret fi żmien mhux tant imbiegħed, hi forsi sfortuna kbira li ma nsibu l-ebda dokumentazzjoni dettaljata jew rapport tal-iskavar/irkupru tal-materjal. Illum il-ġurnata għall-grazzja t'Alla għamilna żviluppi kbar fl-arkeoloġija u l-ħarsien ta' siti storiċi. Sejbiet bħal dik ta' Triq Għajn Mhelhel illum jingħataw importanza kbira fejn is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali Malti tieħu ħsieb mhux biss tiskava u tirkupra l-materjal, iżda wkoll tiddokumenta permezz ta' notamenti, disinji u fotografija kull livell skavat. Fil-każ tagħna ma nistgħux noqogħdu nibku xortina u nitnikktu għal dak li tlifna. Biss dan għandu jservi biex nitgħallmu mill-iżbalji tagħna u nevitaw li nerġgħu nirrepetuhom. Tal-anqas aħna fortunati li għad baqagħlna dawn il-fdalijiet bħala xhieda dejjiema tal-qedem tal-istorja tal-gżejjer Maltin u tal-lokalita` tagħna taż-Żebbuġ.

**Riferenzi**

1 *Public Works Reports* 1978/79
2 Intervisti separati ma' Toni Calleja u Michael Xiberras f'Gunju 2015
3 Informazzjoni mgħoddija mill-kuratur Ġorġ Azzopardi
4 Rapport tal-istudenta Amerikana Ms. Kirsten Lopez
5 Intervista ma' K.Ċini f' Lulju 2015
6 *Museums Annual Report* 1905

Ħajr lil Ms Kirsten Lopez u Heritage Malta

# MINIBUS GĦALL-UŻU TAL-PARROĊĊA



Propju fil-lejl tal-Milied, hekk kif intemmet il-quddiesa ta' nofsillejl, dawk kollha li kienu preżenti fil-Knisja, ġew mistiedna joħorġu fuq iz-Zuntier biex jassistu għal sorpriża sabiħa.

Minn tarf Triq il-Knisja, dehret ġejja Minibus bajda misjuqa minn *Father Christmas,* li waslet sa quddiem iz-Zuntier fost il-ferħ u ċ-ċapċip ta' dawk preżenti. Il-Minibus tat-tip *Ford Transit* u li tesa' 14-il passiġġier, kienet imżejna b'ċoff kbir aħmar fuq quddiem. Appena waqfet fil-Pjazza, ġiet imbierka mill-Arċipriet il-Kan. Dun Reuben Micallef u wara, dawk kollha preżenti kellhom il-ħin biex iduru dawra magħha u anke jieħdu xi ritratti.

Kienet ilha x-xewqa li l-Parroċċa tagħna jkollha mezz ta' trasport adegwat biex ikun jista' jiffaċilita aktar l-attivitajiet rikreattivi u oħrajn organizzati għall-gruppi, bħalma huma l-Abbatini, l-Adoloxxenti, iż-Żgħażagħ, it-tfal tad-Duttrina u gruppi oħra, li matul dawn ix-xhur li ilha għandna l-Minibus, sfruttaw tajjeb l-użu tagħha għall-ħarġiet u laqgħat varji.



Il-Minibus li għadha f'kundizzjoni tajba ħafna, ġiet akkwistata bi prezz minimali mingħand is-Sur Raymond Cassar ta' 'Raymond's Garage' mill-Fontana, bil-għajnuna tal-Kav. Carmelo Saliba li kien hu li qalilna b'din l-opportunita` u għamlilna l-kuntatti meħtieġa, kemm ma' Raymond, kif ukoll mal-Awtoritajiet konċernati biex setgħet issir it-*transfer* u l-permessi l-oħra meħtieġa. Grazzi wkoll lil diversi benefatturi li offrew donazzjonijiet ġenerużi b'riżq din l-opra tant bżonnjuża.